MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 68/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**

**Gold Victory Limited**
**C 40908**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2014 fejn is-socjeta attrici talbet illi s-socjeta' attrici ghandha thallas lis-socjeta' attirci 's-somma ta' tlett mitt ewro u tnejn u erbghin centezmu (€300.42) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50851600 u A/C50829736 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 - Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C50851600 u Dok IZY3 u DOK IZY4 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C50829736 u Dok IZY5 - estratt mir-Registru tal-Kumpaniji, u Dok IZY6 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellat sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2015 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2015 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' tlett mitt ewro u tnejn u erbghin centezmu (€300.42) bl-imghaxijiet legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------